MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2009

Avviz Numru. 234/2007

**John u Victoria konjugi Micallef**

**u**

**Victor u Sandra konjugi Degiorgio**
**u Godwin Degiorgio**

**vs**

**Gail Aquilina**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors fuq indikat datat is-27 ta' Lulju tas-sena 2007, li permezz tieghu r-rikorrenti sejhu lill-intimata quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:

1. Illi prevja kull dikjarazzjoni opportune, inkluz illi hemm perkolazzjoni ta' ilma mill-fond ta' l-intimata bl-isem `Zoja' fi Triq Leli Falzon, Naxxar, ghal gewwa l-propjetajiet/*garages* bin-numri wiehed (1) u tnejn (2) fi Triq is-Simblija, Naxxar, rispettivament proprjeta` tar-rikorrenti Degiorgio u Micallef, li fi zmien qasir u perentorju illi hekk tordna din l-onorabbli qorti l-intimata taghmel dawk ix-xogholijiet kollha rimedjali taht is-supervizjoni ta' perit nominat mill-istess Qorti sabiex tkun evitata aktar perkolazzjoni ta' ilma ghal gewwa l-fondi ta' l-atturi u tkun evitata hsara ulterjuri;

2. Illi wkoll sabiex tigi rimedjata l-hsara gia maghmula fil-fondi ta' l-atturi mill-istess perkolazzjoni ta' ilma mill-fond ta' l-intimata, u fin-nuqqas, taht is-supervizjoni ta' l-istess perit arkitett hekk nominat a spejjez tal-istess intimata, ikunu awtorizzati l-istess atturi illi jezegwixxu huma x-xogholijiet fil-fond taghha, kif ukoll fil-fondi rispettivi taghhom, a spejjez unikament ta' l-intimata;

3. B'rizerva ghal kull proceduri spettanti lill-atturi ghad-danni sofferti u li ghad jistghu jsofru u bl-ispejjez tal-prezenti u dawk ta' l-ittri ufficjali tal-5 ta' Gunju tas-sena 2007, u tat-18 ta' Lulju tas-sena 2007, kontra l-intimata li hija ngunta ghas-subizzjoni;

4. Ghal finijiet ta' kompetenza, jigi dikjarat illi l-valur tax-xogholijiet in kwistjoni mhux suppost illi jeccedi s-somma elfejn Lira Maltin (LM2,000.00,0);

Innotat li n-notifika ta' l-intimata kellha ssir bil-procedura tal-pubblikazzjoni kif kontemplata fl-artikolu 187 (3) tal-Kap 12;

Innotat ukoll li l-intimata qatt ma pprezentat ruhha biex tassisti f'din il-procedura u tisma' l-allegazzjonijiet vantati fil-konfront taghha biex b'hekk tkun tista', b'xi mod, tirribatti;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti jistghu jigu riprodotti bil-mod segwenti:

1. Illi r-rikorrenti huma proprjetarji ta' proprjetajiet sottostanti ta' proprjeta' edilizja ta' l-intimata Aquilina;

2. Illi jirrizulta li l-proprjeta` ta' l-intimata ghandha hsarat fil-kondutturi ta' l-ilma li per konsegwenza ta' l-istess, jipperkola l-ilma mill-imsemmija proprjeta` ghal dik rispettiva tar-rikorrenti;

3. Illi ghalkemm kien hemm diversi tentattivi biex l-intimata tirranga l-kawza u l-konsegwenza tal-hsarat riskontrati b'mod civili, din jidher li dejjem irrifjutat u qatt ma kkolaborat mal-girien kif tirrikjedi l-konvivenza civili;

4. Illi konsegwenza ta' din l-attitudni anti-kollaborattiva u anti-socjali ta' l-intimata, kien ukoll gie inkarigat jintervjeni perit arkitett li wara li ezamina l-postijiet kollha nvoluti seta' jiddetermina kemm il-kawza tal-hsarat riskontrati mir-rikorrenti, kif ukoll ir-rimedji necessarji;

5. Illi nonostante tentattivi ohra biex tigi anke evitata l-procedura odjerna, l-intimata baqghet inspjegabbilment tirrifjuta li tuza l-buon sens taghha u tittratta maghhom civilment;

6. Illi skond il-perit arkitett ex parte fuq riferit, il-garaxxijiet involuti soffrew il-hsarat minnu riskontrati direttament minhabba l-moghdija ta' ilma mill-fond proprjeta` ta' l-intimata ghal dawk tar-rikorrenti;

7. Illi in sintesi, dawn il-hsarat jikkonsistu fis-segwenti:

i. irqajja ta’ umdita`;

ii. nuqqas ta’ “*conduits”* ghall-ilma ghall-fond numru wiehed (1);

iii. hsarat tar-rinforzar ta’ l-azzar tas-soqfa;

Ikkunsidrat:

Illi l-intimata baqghet tippersisti fl-intransigenza taghha u naqset ghalhekk ukoll tippartecipa fil-procedura odjerna;

Ikkunsidrat:

Illi ghaldaqstant, din il-qorti m’ghandhiex alternattiva hlief li takkolji l-provi prezentati u tikkonsidrahom bhala pprovati skond il-ligi;

Ghaldaqstant takkolji t-talbiet tar-rikorrenti u:

1. Tiddikjara li l-perkolazzjoni ta’ l-ilma fil-propjetajiet/garaxxijiet numru wiehed (1) u tnejn (2), Triq is-Simblija, Naxxar, rispettivament proprjeta` tar-rikorrenti Degiorgio u Micallef, qed issir mill-fond bl-isem “Zoja”, Triq Leli Falzon, Naxxar, proprjeta` ta’ l-intimata Gail Aquilina;

2. Tordna li l-istess intimata Gail Aquilina teffettwa x-xogholijiet rimedjali kollha necessarji fi zmien xahar mil-lum u f’nuqqas, dawn jigu effetttwati mir-rikorrenti taht is-supervizjoni ta’ perit arkitett minnhom inkarigat, u dan, a spejjez ta’ l-istess intimata;

3. Bl-ispejjez ta' din il-procedura u bl-imghaxijiet mid-data ta' l-ittra ufficjali, kontra l-intimata Gail Aquilina.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------